# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*

Diċembru 2020 Ħarġa Nru 8

**Kumitat 2020**

**President**
Adrian Schinas

**Viċi-President**
Valent Xuereb

**Segretarju**
Nardu Agius

**Asst. Segretarju u PRO**
Norbert Gingell

**Teżorier**
Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**
Angele Xuereb

**Attivitajiet li l-Kumitat qed jaħdem u jippjana għax xhur li ġejjin** *(jistgħu jinbiddlu skont iċ-ċirkostanzi:)*

- POSPOSTI

**Inħeġġu lill-Membri u ħbieb biex iżuru wkoll is-sit *www.kappellimaltin.com* għal aktar informazzjoni fid-dettal dwar il-kappelli u informazzjoni relatata**

## EDITORJAL

Għeżież Membri u Ħbieb,

F'din il-ħarġa minbarra li se nżuru l-kappelli tal-Palazz ta' San Anton, għandna l-pjaċir nipproduċu artiklu li għaddihulna l-ex-President ta' Għaqda, is-sur Anthony Brincat, li jittratta dwar affresk li jinsab fil-Palazz tal-President fil-Belt, u li hemm indikati ċertu kappelli antiki. Nispera li ssibu dan l-artiklu ta' interess.

Permezz ta' din l-aħħar ħarġa għal din is-sena, nixtieq f'ismi, u f'isem il-Kumitat, nixtiqulkom MILIED ĦIENI U QADDIS U SENA FERM AĦJAR MILLI KIENET DIN IS-SENA.

*N. Gingell*

## Il-Kappelli ndikati fil-Mappa ta' Malta fl-Affreski tas-Sala tal-Gran Kunsill fil-Palazz tal-Gran Mastru

*kitba ta' Anthony M Brincat, ex-President tal-Għaqda*



Fis-Sala tal-Gran Kunsill li hemm fil-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta mal-ħajt fil-għoli hemm impittra sett ta' affreski li saru mill-pittur Matteo Perez d'Aleccio madwar is-snin 1576-1581. Hu kien twieled fil-belt ta' Alezio fil-Puglia fl-1547. F'Ruma kien tħabbeb ma' Michelangelo u pitter waħda mix-xeni fil-Kappella Sistina. Fl-1573 hu nħatar membru tal-Accademia di San Luca. Fl-1576 huwa wasal Malta u nħatar bħala l-pittur uffiċċjali tal-Ordni ta' San Ġwann. Huwa mar lura Ruma fl-1581. Minn hemm mar lejn il-Peru fejn miet fil-belt ta' Lima fl-1616. Kemm dam Malta barra li pitter l-affreski tal-Palazz tal-Gran Mastru, huwa pitter ukoll il-kwadri titulari tal-Magħmudija ta' Kristu għall-Knisja Konventwali ta' San Ġwann, in-Nawfraġju ta' San Pawl għall-Knisja Kolleġġjata ta' San Pawl fil-Belt Valletta (1579) u kwadru ta' Santa Katerina ta' Lixandra għall-Parroċċa taż-Żurrieq. Fl-1582, meta kien Ruma huwa ppublika album ta' inċiżjonijiet li juru x-xeni tal-affreski tal-Assedju l-Kbir li huwa kien pitter fis-Sala tal-Gran Kunsill fil-Palazz tal-Gran Mastru.

*Ikompli fil-paġna ta' wara. Aqleb ........*

## Il-Kappelli ndikati fil-Mappa ta' Malta fl-Affreski tas-Sala tal-Gran Kunsill fil-Palazz tal-Gran Mastru

U proprju Perez d'Aleccio jibqa' mfakkar l-aktar għal dan iċ-ċiklu ta' affreski li jirrakontaw il-ġrajja ta' kif il-Kavallieri u l-Maltin għelbu l-qawwa tal-Armata Ottomana f'Assedju li dam kważi erba' xhur. Dan iċ-ċiklu jikkonsisti fi tnax-il episodju u bejniethom hemm figuri allegoriċi ta' virtujiet erojċi u eżempju ta' tmexxija għaqlija.

Huwa l-ewwel kwadru li l-aktar jinteressana f'din il-kitba. Fih naraw il-wasla tal-flotta Ottomana u l-inżul tat-truppi fil-bajja tal-Ġnejna nhar it-18 ta' Mejju 1565. Tidher mappa ta' Malta (Għawdex ma jidhirx) li turi l-fortifikazzjonijiet, bliet u rħula. Jidhru wkoll ir-raħħala li jiġru lejn l-Imdina u l-Birgu biex jistkennu mill-għadu u s-suldati jieħdu posthom biex jaffrontawh. Iżda, u dan li l-aktar jinteressana jidhru wkoll numru ta' kappelli mxerrdin fil-kampanja Maltija. Uħud minn dawn il-Kappelli għadhom magħna waqt li xi oħrajn spiċċaw għal kollox.

Il-kappelli li jidhru huma dawn. Se nagħti l-isem kif jurih il-pittur u nagħti xi tagħrif qasir dwar kull waħda.

***1.*** ***La Maddalena.*** Din hija l-kappella ddedikata lil Santa Marija Maddalena li tinsab fuq l-irdum ta' Ħad-Dingli. Dan juri l-antikita tagħha, iżda kienet reġgħet inbniet mill-ġdid fl-1646.

***2.*** ***S. M. de Lalia.*** Il-Lunzjata tal-Għolja li hemm ħdejn is-Salib ta' Laferla 'l barra mis-Siġġiewi. Dan l-aħħar bdew xogħolijiet biex tkun irrestawrata billi qegħda f'periklu li tiġġarraf għax mibnija fuq blat li qed jiċċaqlaq.

***3.*** ***S. M. D. La Mellecha.*** Dan huwa s-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa, li fi żmien Perez d'Aleccio kien parroċċa għat-trmuntana ta' Malta. Dan il-post huwa wieħed mill-ewlenija postijiet ta' qima lil Ommna Marija f'dawn il-gżejjer.

***4.*** ***S. M. Tal Pud.*** Il-kappella li llum insibuha bħala Sant'Anna tal-Pwales. Illum jieħdu ħsiebha l-ALPS – Association of Lyceum Past Students.

***5.*** ***S. Martino***. Il-kappella li nsibu f'San Martin fuq ir-riħ tat-triq li mix-Xemxija tagħti lejn iż-Żebbiegħ u l-Imġarr.

***6.*** ***S. Paulo***. Dan huwa s-Santwarju ta' San Pawl tal-Ħġejjeġ li hemm f'San Pawl il-Baħar. Għall-ewwel kien mibni fejn illum hemm it-Torri ta' Wignacourt. Il-kappella ġdida nbniet fl-1610 ftit aktar 'il bogħod fil-bidu tat-telgħa għal Buġibba.

***7.*** ***La Madalena.*** Din kienet kappella mibnija fil-Madliena. Meta l-Ingliżi bnew il-Fortizza tal-Madliena l-kappella qadima twaqqgħet u nbniet ftit aktar 'l bogħod.

***8.*** ***S. P. P. Remito***. (San Paulo Primo Eremito) Din hija l-kappella li għad hemm sal-lum fil-għar li hemm f'Wied il-Għasel limiti tal-Mosta.

***9.*** ***S. M. d Cala.*** Santa Marija tal-Ħlas li għadha mibnija sal-lum fil-limiti ta' Ħal Qormi.

***10.*** ***La Nuciata.*** Il-Lunziata li hemm f'Wied Liemu fil-kampanja barra r-Rabat. Din kienet l-ewwel kunvent tal-patrijiet Karmelitani.

***11.*** ***S. Nicola.*** San Nikola taż-Żonqor hija l-kappella li nsibu mibnija barra Wied il-Għajn jew Marsascala, għalkemm din tagħmel ma' Ħaż-Żabbar.

***12.*** ***S. Giorgio*** Il-kappella ta' San Ġorġ li hemm fil-bajja tal-istess isem f'Birżebbuġa

**13.** **S. Gioane.** Din il-kappella ta' San Ġwann t'Għuxa għall-ewwel kienet mibnija f'post fejn inbnew is-swar tal-Cottonera. Kienet inħattet u nbniet fil-post fejn narawha llum barra Bormla.

***14.*** ***S Caterina.*** Santa Katerina, il-parroċċa l-qadima taż-Żejtun magħrufa wkoll bħala ta' San Girgor. Fl-1576 kien diġa jsir il-pellegrinaġġ penitenzjali lejn din il-knisja.

***15.*** ***S. Lucia.*** Il-kappella ta' Santa Luċija li hemm barra Ħal Għaxaq.

***San Nicola***. Din kienet il-kappella troglodita ta' San Nikola li kienet fil-għar li hemm fi Ġnien Ingraw taħt il-Mellieħa.

***16.*** ***S. M. Loreto.*** Il-kappella tal-Madonna ta' Loreto li hemm barra l-Gudja u qrib ir-runway tal-ajruport

***17.*** ***S. Giorgio.*** Din kienet kappella li kien hemm fil-bajja ta' San Ġorġ (ħdejn Paceville) u li llum spiċċat għal kollox. Baqa' biss l-isem tal-bajja St George's Bay.

***18.*** ***S. Pietro.*** Kappella oħra ddedikata lil San Pietru li m'għadhiex teżisti. Kienet mibnija fix-Xgħajra.

***19.*** ***S. Leonardo.*** Kappella oħra ddedikata lil San Leonardu li spiċċat għal kollox u kienet ħdejn Ħal Tarxien.

***20.*** ***S. Tomaso***. Din kienet il-kappella ddedikata lill-Appostlu Tumas u li wkoll m'għadhiex teżisti. Baqa' biss l-isem tal-bajja fil-Lvant ta' Malta.

*Aktar tagħrif iddetaljat dwar il-kappelli bin-numri 1,2,3,4,6,7,8,9,10,11,12,13,14,15,u17 jinsab fit-taqsima l-Kappelli fil-website kappellimaltin.com*

## IL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-PILAR, PALAZZ TA' SAN ANTON, ĦATTARD



Il-Palazz ta' San Anton, f' Ħ'Attard inbena mill-Gran Mastru Antoine de Paule fis-seklu 17.  Hu kien xtara biċċa art f 'Ħ'Attard u bena villa kbira fiha meta kien għadu kavallier qabel ma laħaq Gran Mastru.  Meta laħaq Gran Mastru fl-1623, hu kabbar il-villa u bidilha f'palazz u bena wkoll l-ġonna li jdawwruha. Dan il-palazz baqà jinktuża bħala r-residenza tal-Gran Mastri u tkabbar kemm il-darba matul iż-żmien.




**Il-Madonna tal-Pilar**
*Pittur mhux magħruf*
*Kappella Il-Madonna tal-Pilar (Sant Anton) - Attard*

Il-palazz serva bħala il-post fejn kienu jiltaqgħu l-Maltin fl-Assemblea Nazzjonali meta il-Maltin irribellaw kontra il-Franċiżi tul il-perjodu 1798–1800. Tul il-perjodu tal-ħakma Ngliża sal-1964, intuża bħala ir-residenza uffiċjali tal-Kummissarji u l-Gvernaturi. Sa mill-1974 beda jinktuża bħala r-residenza tal-President ta' Malta.

Mal-villa tiegħu de Paule kien attwalment inkorpora kappella oħra, iddedikata lill-Madonna tal-Pilar. Il-GM de Vilhena kien Franċiż minn Provence u kien laħaq Gran Mastru tal-Ordni fis-sena 1623.

Is-saqaf tal-kappella huwa dekorat bl-armi tal-kunjomijiet tal-Gran Mastri Antoine Manoel de Vilhena, Manoel Pinto de Fonseca u Emanuel dIl-Palazz ta' San Anton, f'Ħ'Attard inbena mill-Gran Mastru Antoine de Paule fis-seklu17.  Hu kien xtara biċċa art f'Ħ'Attard u bena villa kbira fiha meta kien



għadu kavallier qabel ma laħaq Gran Mastru.  Meta laħaq Gran Mastru fl-1623, hu kabbar il-villa u bidilha f'palazz u bena wkoll l-ġonna li jdawwruha. Dan il-palazz baqa' jintuża bħala r-residenza tal-Gran Mastri u tkabbar kemm il-darba matul iż-żmien.

Il-palazz serva bħala il-post fejn kienu jiltaqgħu l-Maltin fl-Assemblea Nazzjonali meta il-Maltin irribellaw kontra il-Franċiżi tul il-perjodu 1798–1800. Tul il-perjodu tal-ħakma Ngliża sal-1964, intuża bħala ir-residenza uffiċjali tal-Kummissarji u l-Gvernaturi. Sa mill-1974 beda jinktuża bħala r-residenza tal-President ta' Malta.

Mal-villa tiegħu dePaule kien attwalment inkorpora



kappella oħra, iddedikata lill-Madonna tal-Pilar. Il-GM de Vilhena kien Franċiż minn Provence u kien laħaq Gran Mastru tal-Ordni fis-sena 1623.



Is-saqaf tal-kappella huwa dekorat bl-armi tal-kunjomijiet tal-Gran Mastri Antoine Manoel de Vilhena, Manoel Pinto de Fonseca u Emanuel de Rohan-Polduc.

Il-kappella hija simili ta' knejjes kontemporanji li wieħed issib fl-ibliet u villaġġi ta' l-ewwel nofs tas-seklu 17.  L-altar jinsab il-ġewwa u separat minn navi b'żewġ pilastri li żommu l-aħħar arkata tas-saqaf.

Il-Kappella tinsab fi stat tajjeb u sservi għal quddies għal pubbliku kull nhar ta' Ħadd filgħodu.

*Informazzjoni miġbura mill-Internet minn diversi siti kulturali u Turistiċi*

*Ritratti mill-Internet, fotografu mhux indikat*



# KAPPELLA SANT' ANTNIN, MAGĦRUFA BĦALA TAR-RUSSI, PALAZZ TA' SAN ANTON, Ħ' ATTARD

Dik li nsejħula "Kappella Russa" fil-Palazz ta' San Anton, oriġinaljament ma kienetx tifforma parti mill-palazz ta' de Paule, u għaldaqstant ma nqisuhiex bħala "kappella" li s-soltu mdorrijin bihom. Dan għaliex kienet mibnija fi żmien l-Ingliżi mill-Gvernatur Rawdon-Hastings. Il-perit kien George Whitmore, u nbniet bejn is-snin 1824 u 1826. Kienet l-ewwel binja f'Malta li ġiet iddisinjata speċifikament għall-użu tal-kult Protestant Anglikan, għall-użu tal-Gvernaturi Ingliżi u l-familji tagħhom. Imbagħad, fit-tieni nofs tas-seklu dsatax, ġiet trasformata f'Kappella Ortodossa Russa. Dan għaliex fil-bidu tal-1919, minħabba t-taqlib li kienet ġabet ir-rivoluzzjonarju komunista fir-Russja ftit snin qabel, ir-Re Ġorġ V tal-Ingilterra ordna lill-bastiment navali, HMS Marlborough biex ibaħħar lejn Yalta fil-Krimea fil-Baħar l-Iswed



Il-Koppla minn taħt

u minn hemm jiġbor lill-membri tal-familja Imperjali Russa li kienu ħarbu mir-Russja u jġibhom hawn Malta.



Stil neo-klassiku

Ir-refuġjati kienu madwar xi għoxrin u kienu jinkludu lill-Imperatriċi armla tal-Imperatur Alessandru III Maria Foe-dorovna, il-Gran Duka Nikola (kuġin mill-bogħod tal-Imperatur Nikola



Saqaf troll

II tar-Russja) u lill-Prinċep Felix Yusupov (il-mexxej tal-kumplott biex jinqatel Rasputin) fost l-oħrajn. Fi ftit ġranet qabel ma ġew, fi żmien il-Gvernatur Paul Me-thuen, il-kappella ġiet addattata għar-rit Russu Ortodoss u dawn ir-refuġjati kienu jagħmlu użu minnha matul is-sitt ijiem li damuhawn Malta.



San Pawl Appostlu

Il-kappella, bi stil Neo-Klassiku, għandha forma ta' Salib Latin. Fiż-żewġ navi dojoq tal-ġenb hemm kolonni ta' stil Doriku, waqt li fuq il-bieb li jħares lejn il-Lvant hemm gallerija. Is-saqaf troll huma maqsuma f'kompartimenti bil-pannelli u hemm ukoll koppla baxxa iddekorata b'pittura stil Biżantin. Il-kappella fiha altar wieħed.



It-Twelid ta' Kristu

Fl-1995, fi żmien il-President Dr. Ugo Mifsud Bonnici sar tindif ġenerali u saru wkoll xi tiswijiet li kienu meħtieġa wara snin ta' telqa. Il-koppla kienet ġiet impittra minn artisti Russi fis-sajf tal-1996.

Fiha diversi ikoni stil Russu Biżantin li huma mpittrin bit-tempera fuq l-injam. Dawn jinkludu: San Pawl Appostlu; it-Twelid ta' Kristu; il-Verġni ta' Hodigitria; Ikonostasis portabbli li fiha għadd ta' xbihat; San Mikiel-



San Mikiel Arkanġlu



Kristu Pantokrator
Disinjatur Roman Guzairov
*Kappella Russa Palazz Sant' Anton H'Attard*

Arkanġlu (impittra minn Mary Doris Aquilina f'April tal-2013); il-Ħniena Divina (impittra minn PatriTonio Mallia Milanes O.P.). Maż-żmien kien hemm diversi pitturi oħrajn f'din il-kappella, iżda dawn kollha tneħħew għax l-istil tagħhom ma kienx jaqbel mal-istil ta' din il-kappella. Kien sar ukoll *stained-glass* li kkumplimenta l-kappella għax kien jaqbel aktar mall-istil Ortodoss Russu.



It-Tieġ ta' Kana



San Ġorġ



In-Nawfraġju ta' San Pawl f' Malta

ix-xahar ta' Jannar fiha jiġi ċċelebrat il-Milied skont il-kalendarju liturġiku tal-Knisja Russa Ortodossa.



Ikona tipika Biżantina tal-Madonna bil-Bambin

*Informazzjoni meħuda mill-kitba ta' Noel Ciantar, Kappelli Maltin*

*Ritratti: N Gingell, u Internet*